MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 837/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**GF**
**NP**
**OS**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati GF, NP u OS

**Lil GF u NP wehidhom; billi inthom akkuzati talli fil-Mosta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu ta' 2012;**

1. Ikkommettejtu stupru fuq DEG minuri ta' 14-il sena;

2. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, arrestajtu, zammejtu jew issekwestrajtu lill-istess minuri DEG kontra l-volonta taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. B’eghmil zieni, ikkorrompejtu lill-istess minuri DEG;

4. Ippartecipajtu f’attivitajiet sesswali ma’ l-istess minuri DEG.

**Lil OS wahdu: akkuzat talli fil-Mosta u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Marzu ta’ 2012;**

B’xi mod li kien, xjentement ghent jew assistejt lil GF u NP u cioe lill-awturi fl-esekuzzjoni tad-delitt u cioe

1. Fl-istupru fuq DEG minuri ta’ 14-il sena;

2. Fl-arrest, detenzjoni jew sekwestru ta’ l-istess minuri DEG u cioe talli bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess minuri DEG kontra l-volonta taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Fil-korruzzjoni ta’ l-istess minuri DEG u cioe talli b’eghmil zieni, ikkorrompew lill-imsemmija minuri;

4. Fil-partecipazzjoni f’attivitajiet sesswali ma’ l-istess minuri DEG.

Il-Qorti hija mitluba li minn issa tapplika l-provedimenti tal-Ligi ai terminu tal-artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta’protezzjoni tenut tar-reati adebitati a favur tal-minuri u l-familja taghha.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Marzu 2013 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat l-eta’ tal-imputati li kienu lkoll minorenni fid-data li kkommettew ir-reati li taghhom qed jinstabu hatja, il-fatt li huma ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li dak li sehh kien att ta’ bluha ta’ tlett guvintur minorenni li hasbu li qed jaghmlu xi bravata. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tpoggi lit-tlett imputati taht Ordni ta’ Probation sabiex jinghataw l-ghajnuna mehtiega halli jiehdu direzzjoni fil-hajja u jifhmu li l-agir li tieghu qed jinstabu hatja huwa hazin u m’ghandux jirrepeti ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 86 ,87 198, 203, 203A, 204C, 17, 31, u 37 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati GF u NP hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hatja GF u NP taht is-sorveljanza ta’ l-Ufficjal tal-*Probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Wara li rat l-Artikoli 36, 42, 86 u 87 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat OS hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’

Malta qeghda taghmel Ordni ta' *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati OS taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal tal-*Probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni kemm ta' isem il-minuri kif ukoll ta' isem it-tlett imputati li huma lkoll minuri.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------